30 SEP 2025

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 617**

**It-Tlieta 26 ta' Awwissu, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.03 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Leone Sciberras – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

### 617.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

617.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Leone Sciberras u mill-Kaptan Patrick Barbara fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech, il-Kaptan Patrick Barbara u s-Sur Leone Sciberras ikunu skużati.

### 617.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

617.2.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-minuti tas-616 laqgħa ġew unanimament approvati.

### 617.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

617.3.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv lis-Sindku u lill-Kunsillieri dwar it-tiġdid tal-*vacation leave*. Dan peress li minħabba pressjonijiet ta' xogħol ma setgħetx tagħmel użu sħiħ mill-*entitlement* tal-*vacation leave* u għalhekk talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iġedded il-massimu ta' *vacation leave* għas-sena 2026. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jirrakkomanda lid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali biex dan it-tiġdid jiġi approvat.

617.3.2 Fis-6.05 ta' filgħaxija is-Sur Carlo Scicluna daħal għal-laqgħa.

617.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li wara li għalqu l-applikazzjoni għal tqegħid ta' posti u kjosks, il-Kunsill kien irċieva żewġ applikazzjonijiet oħra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino il-Kunsill qabel unanimament li japprova dawn il-permessi li waslu sal llum. Is-Sindku sostna li f'każ li jaslu aktar applikazzjonijiet tard, dawn għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunux ġodda iżda jkunu ta' dawk li ilhom snin jarmaw fil-lokalità. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li d-dati stipulati għall-applikazzjonijiet jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u huma stabbiliti apposta sabiex ikun hemm proċess ċar u ordnat. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li meta jinfetħu l-applikazzjonijiet u jkun hemm perjodu stipulat, dan għandu dejjem jiġi rispettat, għax jekk ma jsirx hekk il-Kunsill ikun qed jibgħat messaġġ li kulħadd jista' japplika meta jrid.

617.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill kien irċieva tlett applikazzjonijiet ġodda għat-tqegħid ta' posti u kjosks fi Triq tal-Labour. Hu ppropona li ma jżidx aktar posti milli hemm minħabba li m'hemmx spazju disponibbli u ma jaqbilx li l-Kunsill jestendi l-postijiet preżenti. Is-Sindku spjega li n-naħa ta' Triq Bormla hemm ir-residenti u li kwalunkwe żieda ta' postijiet tista' twassal għal diversi problemi, għalhekk sakemm ma ssirx ir-riforma tal-posti ta' Triq tal-Labour, il-Kunsill m'għandux iżid postijiet ġodda sabiex jipprevjeni problemi u l-applikanti l-ġodda għandhom jitpoġġew fuq *waiting list*. Is-Sur Carlo Scicluna qal li l-Kunsill għandu jaċċetta l-applikazzjonijiet u li l-applikanti għandhom jingħataw posta lejn Triq il-Kunsill tal-Ewropa, mhux man-naħa tar-residenti. Is-Sindku spjega li m'hemmx post disponibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-

Kunsill lista bl-ismijiet tal-applikanti li applikaw sad-data tal-għeluq tal-permessi, sabiex il-Kunsill ikollu rekord ta' min applika għall-permess u min m'applikax, u sabiex jekk eventwalment ikun hemm persuni li ma japplikawx għal numru ta' snin konsekuttivi, il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jieħu deċiżjonijiet skont il-liġi. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li ma jilqax applikazzjonijiet ġodda u li dawn għandhom jiġu rreġistrati fil-lista ta' stennija għall-futur.

617.3.5 Is-Sindku spjega li minħabba l-modifikazzjonijiet fit-triq u l-introduzzjoni tar-*roundabout* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi ma' Triq tal-Labour, ġew installati *bollards* u kien hemm bejjiegħ tat-*toys* li kellu jersaq ftit metri 'l isfel u ġie viċin bejjiegħ ieħor tat-*toys*. Matul is-sena li għaddiet, waqt il-festa inqala' xi kunflitt bejn il-bejjiegħa li wassal għal intervent tal-pulizija. Is-Sindku qal li sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, applikant wieħed biss kien applika għall-permess. L-applikant li ssottometta l-applikazzjoni din is-sena talab li jersaq aktar 'il isfel lejn Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku enfasizza li m'għandux isir tibdil fil-postijiet u li ż-żewġ bejjiegħa tat-*toys* għandhom jibqgħu fil-postijiet kif kienu allokati fis-sena preċedenti.

617.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet tresqet talba formali lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jingħata permess għall-konċessjoni għall-għoti ta' *direct order*, sabiex is-Sur David Grech jagħmel xogħol ta' tindif fit-toroq mhux urbani. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din it-talba ġiet approvata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li s-Sur David Grech kien beda x-xogħol ta' tindif.

617.3.7 Is-Sindku qal li kien attenda l-laqgħa organizzata mill-Fondazzjoni Gal Xlokk fejn ġie mħabbar li l-Miżura 3: *Marketing of the Territory* u l-Miżura 4: *Education and Research* taħt il-*CAP Strategic Plan 2023–2027,* kienu miftuħa u li d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet kienet sal-aħħar ta' Settembru, filwaqt li l-Miżura 1: *Improving the Environment of the Territory* u l-Miżura 2: *Enhancement of Social and Rural Infrastructure* kienu mistennija jiftħu f'Settembru wkoll iżda l-applikazzjonijiet tagħhom jagħlqu fl-aħħar t'Ottubru. Rigward Miżura 3: *Marketing of the Territory*, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jissottometti applikazzjoni biex isiru t-tabelli indikattivi li ġew diskussi fil-laqgħa preċedenti li jiggwidaw lejn siti ta' valur kulturali u reliġjuż fil-lokalità kif ukoll sinjaletika għal istituzzjonijiet u servizzi pubbliċi. Fir-rigward tal-Miżura 2: *Enhancement of Social and Rural Infrastructure*, il-Kunsill ġie nfurmat li jista' jerġa' juża l-istess applikazzjoni li kien diġà sottometta taħt l-*Urban Greening* sabiex japplika għal din il-miżura, peress li l-fondi tal-*Urban Greening* kienu ġew eżawriti. Is-Sindku rrimarka li s'issa ma kienx wasal komunikat uffiċjali mingħand il-Fondazzjoni Gal Xlokk li l-fondi tal-*Urban Greening* ġew eżawriti. Fir-rigward tal-Miżura 1: *Improving the Environment of the Territory*, is-Sindku ppropona proġett ta' natura soċjali f'kollaborazzjoni mal-iskejjel u ma' gruppi tas-soċjetà, b'attivitajiet bħal korsijiet, laqgħat, inizjattivi maż-żgħażagħ u inklużjoni. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet lis-Sindku xi jrid ifisser meta qed isemmi l-inklużjoni. Is-Sindku spjega li l-kunċett ta' inklużjoni jkopri mhux biss persuni b'diżabilità iżda wkoll tagħlim f'servizzi diġitali u faċilitajiet moderni. Fir-rigward tal-Miżura 4: *Education and Research*, huwa ppropona korsijiet edukattivi u ta' riċerka bil-kollaborazzjoni mal-Grupp tal-Armar dwar kif issir infjorata, jiġu organizzati korsijiet ta' snajja tradizzjonali u inizjattivi ma' artisti u

esperti f'dan il-qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kull applikazzjoni titlob xogħol amministrattiv sostanzjali u li, minħabba l-proġetti li kienu diġà għaddejjin u l-piż tax-xogħol relatat mal-festa fix-xahar ta' Settembru, kien diffiċli li jitħejjew erba' applikazzjonijiet fi żmien daqshekk qasir. Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill għandu jagħti prijorità lill-applikazzjonijiet tal-Miżura 3: *Marketing of the Territory* u l-Miżura 2: *Enhancement of Social and Rural Infrastructure*. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal dawn il-miżuri, b'prijorità immedjata fuq il-Miżura 3: *Marketing of the Territory* u l-Miżura 2: *Enhancement of Social and Rural Infrastructure*.

617.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien attenda laqgħa mal-*Planning Authority* dwar il-*Planning Funds*. Is-Sindku spjega li jeżistu żewġ fondi, fosthom il-fond allokat lill-NGOs, li fil-leġislatura li għaddiet il-Kunsill kien diġà qabel li jinqasam bejn l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, il-Mużew tas-Subien u l-Azzjoni Kattolika. Is-Sindku kkonferma wkoll li l-Kunsill għandu allokazzjoni ta' *Planning Funds* li tammonta għal madwar €1,450,000 (miljun, erba' mija u ħamsin elf). Is-Sindku qal li wara komunikazzjoni mill-Kurja u mill-Arċipriet tal-parroċċa, tressqet talba sabiex il-Kunsill jassisti fil-finanzjament tar-restawr tal-koppla tal-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja permezz tal-*Planning Funds*. Is-Sindku spjega li dan il-punt ġie diskuss mal-*Planning Authority* u ġie kkonfermat li l-fond jista' jintuża għal dan l-iskop. Is-Sindku ċċara li jekk il-Kunsill jaqbel li l-Kurja tuża l-fondi tal-*Planning Funds* allokati lill-Kunsill, imbagħad ikun hemm il-pass li jiġi kkonsultat u jintalab il-permess formali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, minħabba li l-proprjetà tappartjeni lill-Knisja. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kurja tuża l-fondi tal-*Planning Funds* sabiex jitwettaq ir-restawr tal-koppla tal-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, u li għal dan l-iskop jintalab formalment il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

617.3.9 Is-Sindku ppropona li żewġ proġetti jiġu ffinanzjati mill-*Planning Funds*: it-tibdil tas-*soft flooring* taħt l-apparat tal-bandli u l-proġett ta' restawr tal-Mitħna ta' Birgħelliem li tinsab fir-*roundabout* bejn Triq l-10 ta' Settembru 1797 u Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. Is-Sindku spjega li l-proposta tinkludi wkoll il-possibbiltà li l-mitħna tiġi restawrata permezz tal-bini mill-ġdid tal-makkinarju u tal-paletti tar-riħ, waqt li enfasizza li din il-mitħna hija proprjetà tal-Gvern iżda bħalissa hija mikrija u fiha jgħixu żewġ familji. Is-Sur Carlo Scicluna issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jiffinanzja dawn il-proġetti permezz tal-*Planning Funds*.

617.3.10 Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill dwar l-oġġezzjoni relatata mad-Dar tal-Anzjani fi Triq Wied il-Għajn fuq art ODZ u spjega li diversi residenti kienu esprimew it-talba tagħhom sabiex tinġabar petizzjoni. Is-Sindku, għaldaqstant, ippropona li l-Kunsill jiġbor petizzjoni li tkun ippreżentata flimkien mal-oġġezzjoni uffiċjali li għandha tiġi sottomessa lill-*Planning Authority*. Fuq din il-proposta, is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk din kinitx proċedura normali filwaqt li s-Sinjura Anna Calleja qalet jekk kellhomx jinġabru wkoll il-firem tar-residenti li huma favur dan il-proġett. Is-Sindku rrefera għall-każ meta l-Kunsill issottometta oġġezzjoni kontra l-proġett tal-McDonald's fi Triq tal-Labour u qal li dakinhar

kienet ġiet inkluża wkoll petizzjoni tar-residenti u għalhekk, b'mod simili, il-petizzjoni kellha sservi sabiex tissostanzja l-oġġezzjoni li ser issir. Is-Sur Buttigieg f'dan il-kuntest qal li għandhom isiru żewġ petizzjonijiet separati. Is-Sinjura Calleja rrimarkat li fil-każ tal-McDonald's kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill, filwaqt li f'dan il-każ is-sitwazzjoni kienet differenti. Is-Sindku fakkar li l-vot dwar l-oġġezzjoni kien diġà ttieħed u approvat mill-Kunsill, u staqsa jekk kienx hemm bżonn li jittieħed vot separat dwar il-petizzjoni. Is-Sur Buttigieg insista li ma jaqbilx li ssir petizzjoni. Is-Sur Joseph Agius qal li kull individwu kien jista' jagħmel petizzjoni u għaldaqstant ma kien hemm xejn ħażin jekk il-Kunsill jagħmel waħda wkoll. Is-Sinjura Calleja qalet li l-proposta kienet biex il-petizzjoni tinġabar u tiġi ppreżentata f'isem il-Kunsill innifsu. Is-Sur Buttigieg sostna li deċiżjonijiet serji bħal dawn kellhom jitniżżlu fl-aġenda u li mhux sewwa li jittieħdu waqt l-*item* tal-komunikazzjoni mis-Sindku. Is-Sindku spjega huwa kien qed jagħti aġġornament dwar deċiżjoni li diġà ttieħdet f'laqgħa preċedenti u għalhekk kienet qed tiġi diskussa taħt l-*item* imsemmi. Is-Sinjura Calleja qalet li allura l-Kunsill seta' jipprepara petizzjoni wkoll dwar riforma nazzjonali dwar l-ambjent. Is-Sindku ċċara li wieħed m'għandux iħallat *policy* tal-Gvern Ċentrali ma' din il-kwistjoni partikulari peress li din kienet direttament fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Buttigieg tenna li ma jaqbilx li deċiżjonijiet bħal dawn jittieħdu waqt il-komunikazzjoni mis-Sindku. Is-Sindku rrefera li l-Kunsill kien diġà ddeċieda li jressaq oġġezzjoni u għaldaqstant issa kien qed jipproponi li din l-oġġezzjoni tiġi sostanzjata wkoll b'petizzjoni.

617.3.11 Fis-6.35 p.m. is-Sur Buttigieg talab li jkun skużat.

617.3.12 Is-Sur Agius qal li filwaqt li l-Kunsill ma kienx obbligat li jagħmel petizzjoni, din kienet ser issir sabiex tissostanzja l-oġġezzjoni approvata. Is-Sinjura Calleja qalet li ma taqbilx mal-proposta minħabba li l-petizzjoni kienet ser tinġabar biss minn dawk li kienu kontra l-proġett u għaldaqstant kienet ta' naħa waħda biss. Is-Sindku spjega li l-proċess tal-*Planning Authority* kien biex jikkunsidra l-oġġezzjoni u għalhekk il-petizzjoni li ser tinġabar għandha tkun ta' dawk l-individwi li kienu kontra l-iżvilupp fuq art ODZ. Wara li saret votazzjoni, il-proposta tas-Sindku sabiex tinġabar petizzjoni f'isem il-Kunsill ġiet approvata b' ħames voti favur mis-Sindku, mis-Sinjorina Toshera Schembri, mis-Sinjorina Martina Baldacchino, mis-Sur Joseph Agius u mis-Sur Carlo Scicluna u vot wieħed kontra mis-Sinjura Anna Calleja.

617.3.13 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li ntbgħatet mir-Reġjun Port dwar finanzjament ta' €5,000 (VAT inkluż) sabiex jintuża għall-implimentazzjoni ta' proġett jew attivita' fil-lokalita'. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal dawn il-fondi u li dawn jintużaw għall-organizzazzjoni ta' attività fl-okkażjoni tal-waqa' tal-Vulcan jew bħala parti mill-attivitajiet tal-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku sabiex jinforma kemm jista' jkun malajr dwar l-iskop li għalih se jintużaw il-fondi, sabiex hi tkun tista' tinforma lir-Reġjun u b'hekk ma jintilfux.

617.3.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li nhar il-Ħadd 24 t'Awwissu, 2025 ġiet organizzata l-ġirja *Zabbar 5K* bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-ispiża marbuta ma' din l-attivita' m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €3,000 VAT inkluż.

617.3.15 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw strumenti mużikali sabiex jintużaw mill-istudenti waqt il-korsijiet tal-mużika 'Skola Banda', liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €3,000.

617.3.16 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Port dwar l-iskema mnedija minn Transport Malta għall-installazzjoni ta' *bicycle racks* fil-lokalità, fejn il-Kunsill ġie mitlub jindika tliet siti għal dan l-iskop. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li s-siti identifikati kienu fil-*Housing Estate*, fiż-żona ta' St Peter u f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

617.3.17 Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għall-proċess ta' ingaġġ ta' Uffiċċjal Amministrattiv II (Skala 10) u nfurmat lill-membri preżenti li dan l-ingaġġ ma ġiex approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba li kienu seħħew tibdiliet fil-*collective agreement* u, għalhekk, il-kandidata ma setgħetx tintgħażel fuq il-bażi tal-esperjenza iżda kellha tintgħażel fuq il-bażi tal-kwalifiki. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sakemm isiru l-verifiki u l-konfermi meħtieġa, il-proċess għandu jiġi sospiż. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jissospendi l-proċess.

617.3.18 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-impjegata taħt l-iskema CIES, li kienet ilha fuq *leave* mediku fit-tul, itterminat l-impjieg tagħha mal-Kunsill.

**617.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

617.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Lulju 2025 u s-26 t'Awwissu 2025 li kienet tammonta għal €43,944.30.

**617.5 Deċiżjoni dwar il-kuntratti:**

- **Restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-Faċċata taċ-Ċimiterju (ZLC1/2025);**

617.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ġew sottomessi seba' offerti għar-Restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-Faċċata taċ-Ċimiterju (ZLC1/2025) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li żewġ offerti biss kienu teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill għal *Lot 1*: Restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju jagħżel l-orħos offerta li kienet teknikament tajba mingħand *Camray Co Limited* għall-prezz ta' €30,184.98 eskluż il-VAT u *Lot 2*: Restawr tal-faċċata taċ-Ċimiterju jagħżel l-orħos offerta li kienet teknikament tajba mingħand *Camray Co Limited* għall-prezz ta' €41,397.79 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

**617.6 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

617.6.1 Ma kienx hemm talb għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi.

**617.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

617.7.1 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-każ tal-vann tal-ħaxix li kien qed jipparkja fejn il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku qal li kien qed jistenna laqgħa mal-entitajiet ikkonċernati.

617.7.2 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għall-ilment li għaddiet dwar binja li kienet ġiet żviluppata madwar għaxar snin ilu fi Triq il-Karmnu, fil-kantuniera ma' Triq Wied il-Għajn u Triq is-Santwarju u qalet li sal llum għadhom qed joħorġu diversi ġrieden kbar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien ressaq rapport lid-Dipartiment tas-Sanità sabiex tittieħed l-azzjoni neċessarja. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien hemm ħafna toqob kbar fin-*netting*.

617.7.3 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għall-ilment ta' resident li kienet resqet dwar it-tnixxija tad-drenaġġ fil-garaxx fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u talbet li l-Kunsill jassisti lir-resident f'dan il-każ. Is-Sindku talab in-numru ta' notifikazzjoni li kien ingħata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li meta saret it-triq fl-2021 kien diġà magħruf li l-katusi tad-drenaġġ kienu mkissrin u xorta waħda saret it-triq. Is-Sindku ċaħad din id-dikjarazzjoni u qal li mhux minnu li t-triq saret matul is-sena 2021.

617.7.4 Is-Sur Carlo Scicluna qal li s-sinjali li kien talab biex isiru quddiem l-entratura ta' għalqa fi Triq tal-Labour kienu għadhom ma sarux.

617.7.5 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jitneħħew l-arbli temporanji li hemm fuq il-bankina ta' Triq il-Karmnu ma' Triq Santa Duminka minħabba li kienu qed jiżgumbraw il-bankina. Is-Sindku qal li kien ser jagħmel kuntatt mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex dawn l-arbli jitneħħew.

617.7.6 Is-Sur Carlo Scicluna rringrazzja lill-Kunsill għall-bukkett tal-fjuri li ntbagħat bħala sinjal ta' kondoljanzi għat-telfa ta' ħuh.

617.7.7 Is-Sindku talab li tintbgħat kartolina ta' kondoljanzi lis-Sindku taż-Żejtun għat-telfa t'ommha u żied li jgħid li kien se jipprovdi l-indirizz personali tagħha sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħat il-kartolina.

617.7.8 Is-Sur Joseph Agius irrimarka li fi Triq iċ-Ċimiterju kien ġie osservat li qed jintużaw xi kmamar minn persuni mhux awtorizzati. Is-Sindku qal li ser jagħmel kuntatt mal-*Community Police* sabiex il-kwistjoni tiġi verifikata u tittieħed l-azzjoni meħtieġa. Is-Sindku talab lis-Sur Agius jibgħatlu l-indirizz eżatt fejn.

617.7.9 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kienet ser terġa' issir il-plakka kommemorattiva li kien hemm fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal li kien qed jistenna risposta mingħand il-kuntrattur.

617.7.10 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza *end of summer party* għat-tfal tal-età tal-iskola primarja u li l-ispiża m'għandix taqbeż it-€300 VAT inkluż.

**617.8 Mozzjonijiet**

617.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**617.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

617.9.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

617.9.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.06 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-618-il laqgħa li saret nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru, 2025.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku